# FTEHIM BLA PREĊEDENT MA' ELETTRA SINCROTRONE TRIESTE JIXPRUNA LIL HERITAGE MALTA FIL-FUTUR TAR-RIĊERKA TAL-ARTEFATTI

**Stqarrija | 16 ta' Ottubru 2024**

Il-Laboratorji tax-Xjenza Dijanjostika (DSL) ta' Heritage Malta ffirmaw Memorandum ta' Ftehim (MoU) sinifikanti ma' Elettra Sincrotrone Trieste fl-Italja. Dan il-ftehim bla preċedent jimmarka l-ewwel kollaborazzjoni uffiċjali bejn iż-żewġ entitajiet, u jsaħħaħ l-impenn ta' Heritage Malta biex tavvanza t-teknoloġija għall-preservazzjoni u r-riċerka tal-kollezzjoni estensiva tagħha.

Elettra Sincrotrone Trieste huwa ċentru multidixxiplinarju ta' riċerka ta' eċċellenza, miftuħ għall-komunità ta' riċerka internazzjonali, li jispeċjalizza fil-ġenerazzjoni ta' dawl sinkrotroni u tal-laser b'elettroni ħielsa ta' kwalità għolja u japplikah fil-materjali u x-xjenzi tal-ħajja.

Għalkemm id-DSL ġieli użaw faċilitajiet ta' sinkrotron, dan l-MoU jistabbilixxi qafas iddedikat għal kollaborazzjoni futura aktar mill-qrib. Is-Sinkrotron tal-Elettra huwa aċċelleratur tal-partiċelli ta' klassi dinjija li jiġġenera dawl sinkrotroni, li jippermetti l-analiżi ta' materjali bi preċiżjoni f'livell bla preċedent, minn UV u infrared għal raġġi X. Din it-teknoloġija tippermetti l-iskoperta ta' materjali fi kwantitajiet ta' traċċi, u tipprovdi għarfien li jmur lil hinn mill-kapaċitajiet ta' tagħmir standard tal-laboratorju.

Permezz ta' din is-sħubija, Heritage Malta ssaħħaħ il-missjoni tagħha li tistudja u tapprofondixxi l-għarfien storiku u xjentifiku dwar id-diversi kollezzjonijiet tagħha. Matthew Grima, il-maniġer tad-DSL, spjega li, "Id-DSL issa jinsab f'pożizzjoni aħjar biex mhux biss jipprovdi dejta kritika għall-konservazzjoni tal-artefatti iżda joffri wkoll informazzjoni, li żżid il-valur, dwar l-oriġini, il-metodi tal-manifattura u s-sinifikat storiku tagħhom. Dan l-għarfien xjentifiku jgħolli l-importanza u l-fehim ta' dawn l-oġġetti, u jikkontribwixxi direttament għall-appell kulturali u turistiku ta' Malta."

Ix-Xjenzat Anzjan tal-Elettra Sincrotrone Trieste Franco Zanini kkummenta li,"Ir-relazzjonijiet ta' Malta mal-Italja dejjem kienu eċċellenti fl-oqsma kollha, b'interess speċjali fl-attivitajiet kulturali u l-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika. Trieste dejjem kellu rwol speċjali, b'konsulat Malti li jmur lura għall-1763 u li għadu attiv. Għalhekk, kollaborazzjoni speċifika bejn Elettra Sincrotrone Trieste u Heritage Malta kienet konsegwenza naturali ta' din ir-relazzjoni twila, u l-Iskola tat-Taħriġ għall-Applikazzjoni tar-Raġġi Sinkrotroni fl-Istudji tal-Wirt Kulturali hija biss l-ewwel minn ħafna inizjattivi fil-programm bejn iż-żewġ istituzzjonijiet."

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, irrimarka li dan l-MoU huwa pass importanti fl-applikazzjoni tax-xjenza l-aktar avvanzata għall-konservazzjoni tal-wirt kulturali, biex b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija li tippreserva l-artefatti ta' Malta għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Il-ftehim jinkludi wkoll it-trawwim ta' kapaċità reċiproka, biż-żewġ istituzzjonijiet jibbenefikaw minn għarfien espert li jaqsmu ma' xulxin u appoġġ tekniku fir-riċerka dwar il-wirt kulturali. Din il-kollaborazzjoni tqanqlet mill-parteċipazzjoni tad-DSL fi proġett ta' koperazzjoni teknika nazzjonali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), li ffaċilita t-taħriġ tal-membri tat-tim tad-DSL fir-radjazzjoni sinkrotronika f'Elettra. Din l-attività riċenti kkonsolidat ir-relazzjoni u ħejjiet is-sisien għal proġetti futuri.